MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Numru 353/2007

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO**

**KONTRA**

**REUBEN AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Reuben Azzopardi ta’ 31 sena, bin Spiridione u Antoinette nee’ Custo, imwieled ir-Rahal Gdid nhar is-26 ta’ Mejju, 1975, residenti fil-fond Miriam Flats, Flat 2, Triq Antonio Mizzi, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 382175(M);

1. Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta’ Mejju, 2005 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, u cioe’

licenzja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 181, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, u cioe' licenzja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 181, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe' licenzja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 181;

4. U finalment talli rrendu ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 183, 184, 188, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat li l-imputazzjonijiet huma komprizi u nvoluti f'xulxin, u ghalhekk jista' jkun hemm assorbiment fil-piena tal-kaz ta' htija.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Reuben Azzopardi hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------